MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 177/2008

**Galscer Installations Limited (C 35897)**

**vs**

**Godwin Schembri [karta ta’ l-identita’ numru 329848 (M)]**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ hamest elef u erba’ mija u erbatax-il ewro u sitta u tmenin centezmu (€5414.86), rapprezentanti prezz ta’ xoghol (inkluz materjal) li sar mis-socjeta’ attrici fuq struzzjonijiet tal-konvenut li baqa’ ma thallasx.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 22 ta’ Jannar 2008 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat  kontestwalment u bl-imghax skond il-

ligi, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-26 ta’ Mejju, 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici. Bl-ispejjez kontra l-konvenut fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------